MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Numru 445/2008

Il-Pulizija
(Spettur Arthur Mercieca)

vs

Dino Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ l-identita 460484(M), li huwa akkuzat talli:

1. nhar it-18 ta’ Mejju 2008 ghall-habta ta’ 6:00a.m. gewwa 78 Triq Vendome, Zejtun minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Manuela Bonnici miz-Zejtun skond kif iccertifika Dr. Jesmond Cassar MD reg 1906 tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

2. fl-istess data u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Michelle Bonnici miz-Zejtun skond kif iccertifika Dr. Jesmond Cassar MD reg 1906 tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;
3. fl-istess data u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Paul Busuttil miz-Zejtun skond kif iccertifika Dr. Jesmond Cassar MD reg 1906 tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;
4. fl-istess data u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Darren Busuttil miz-Zejtun skond kif iccertifika Dr. Aldo Fiorini MD reg 1453 tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;
5. talli fl-istess data u cirkostanzi gewwa Zejtun hebb ghall-imsemmija persuni sabiex jingurjhom, idejaqhom jew jaghmlilhom hsara;
6. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa Zejtun volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied;
7. volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioè ghamel hsara gewwa l-fond imsemmi ghad-dannu ta’ Paul Busuttil.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom bghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi dwar il-htija jew htijiet tal-imputat;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn dina l-Qorti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat:

- li ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna (Artikolu 214 u 216);
- li ikkaguna offizi hfief (Artikolu 221);
- li ikkaguna hsara volontarja (Artikolu 325);
- li volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Artikolu 338/dd);

- li hebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaqha jew jaghmlilha hsara (Artikolu 339(1)(d)).

Issa l-fatti mhux kontestati huma li fid-data u hin imsemmija fl-akkuza l-imputat dahal gewwa d-dar tal-gharusa tieghu minhabba xi argument li kellhom bejniethom precedentament. L-imputat hawnhekk hassu urtat li gie mghajjar "kornut" b' konsegwenza li qala glieda u ferixxa lil Michelle (l-gharusa tu b'mod hafif) u lil Manuela (kugina b'mod gravi) u Paul u Darren (hu u missier Michelle) b'mod hafif.

Bhala griehi, ghal dawk li huma gravi, tali jikkonsistu fi ksur ta' zewg snien fost xi griehi ohra hfief. Hemm però ir-rinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli ghal tal-anqas minn Michelle u Manuela.

Tiddeciedi li ssib l-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Rat l-Artikolu 17 flimkien mal-Artikoli fuq citati. Tosserva li l-ahhar akkuza hija assorbita mal-bqija. Tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mil-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------